

31995R0355

L 41/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.2.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 355/95**ta' l-20 ta' Frar 1995 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3283/94 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni li tkun l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li ma jkunux membri tal-Komunità Ewropea**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi bir-Regolament (KE) Nru 3283/94 ⁽¹⁾ il-Kunsill adotta regoli komuni dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni li tkun l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi li ma jkunux membri tal-Komunità Ewropea;

Billi l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 3284/94 ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2433/88 ⁽²⁾ dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni li tkun l-oġġett ta' *dumping* jew ta' sussidju minn pajjiżi li ma jkunux membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi bl-Artikolu 24 tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 3284/94 japplika għall-proċeduri u għall-investigazzjonijiet ta' reviżjoni temporanja mibdija wara l-1 ta' Settembru 1994 u għall-investigazzjonijiet ta' reviżjoni tal-għeluq taż-żmien li tagħhom l-avviż tal-għeluq imminenti taż-żmien tal-miżuri kien ippubblikat wara dik id-data;

Billi huwa għalhekk, meħtieġ li jkun emendati l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 3283/94 sabiex ikun iddikjarat b'mod ċar illi r-Regolament (KEE) Nru 2423/88 ikompli japplika għall-proċeduri li jkun pendenti fl-1 ta' Settembru 1994,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 3283/94 għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 23 għandu jkun issostitwit b'li ġej

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Frar 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ALPHANDÉRY

"L-Artikolu 23

Revoka tal-leġislazzjoni eżistenti u miżuri transitorji

Ir-Regolament (KEE) Nru 2423/88 huwa b'dan imħassar. Madankollu huwa għandu jibqa' japplika għall-proċeduri li dwarhom investigazzjoni li tkun pendenti fl-1 ta' Settembru 1994 ma tkun ingħalqet sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jew li dwarhom investigazzjoni ta' reviżjoni tal-għeluq taż-żmien tkun inbdiet wara l-pubblikazzjoni qabel l-1 ta' Settembru 1994 ta' avviż tal-għeluq imminenti taż-żmien. Ir-Regolament (KEE) Nru 2423/88 għandu jieqaf milli japplika għal proċeduri bħal dawn wara l-għeluq ta' l-investigazzjoni.

Ir-referenzi għar-Regolament (KEE) Nru 2423/88 għandhom jinftehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament meta jkun xieraq."

2. it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 24 għandha tkun issostitwita b'dan li ġej:

"Huwa għandu japplika għall-proċeduri li ma japplikax għalihom ir-Regolament (KEE) Nru 2433/88."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1995.

⁽¹⁾ ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 209, tat-2.8.1988, p.1. Ir-Regolament l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 522/94 (ĠU L. 66, ta' l-10.3.1994, p. 10).